**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, l-24 t'Ottubru 2022**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Pierre Grech)**

**kontra**

**LUKE CALLEJA**

**( Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 50495(M))**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Luke Calleja, iben Dean Paul u Sandra *nee'* Camilleri, mwieled il-Pieta', nhar is-26 ta' Jannar, 1995, residenti gewwa 183, *La Dimora*, Triq Indri Grima, l-Imsida, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 50495M, senjatament akkuzat talli fit-2 ta' Frar 2013, u fix-xhur ta' qabel:

1. Ittraffika, biegh, qassam, jew offra li jittraffika, jbiegh, jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-

Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. Ipproduca, biegh, jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Art. 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Biegh jew xort'ohra ttraffika l-pjanta *Cannabis*, kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Art. 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

5. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis*, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordnijiet tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) kif ukoll ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordnijiet, ordna li l-imputat titressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi li kienu gia instemghu minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Rat li fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2022, l-imputat irregistra ammissjoni ghas-sitt imputazzjoni biss.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

**A. Fatti tal-kaz**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Frar 2013 waqt li l-pulizija kien qed jaghmlu ronda gewwa Paceville waqqfu lill-qua imputat Luke Calleja u minn tfittxija li saret fuqu rrizulta li kien fil-pussess ta' raza tal-Cannabis kif ukoll ta' Eur. 70 fi flus kontanti. L-imsemmija sustanza giet esebieta madanakollu ma nhatarx espert sabiex janalizza l-istess galadarba l-imputat ezenta l-prosekuzzjoni minn tali prova u ddikjara li huwa qed jaqbel li s-sustanza kienet fil-fatt raza tal-Cannabis (0.4g). Il-mobile tal-imputat gie esebiet madanakollu ma kienx possibli ghall-espert mahtur mill-Qorti sabiex janalizza l-istess minhabba l-pattern lock.

**B. Kunsiderazzjonijiet**

Illi l-ewwel hames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat jistriehu unikament fuq l-istqarrija rrillaxata mill-istess Luke Calleja fit-3 ta' Frar 2013 u dana wara li ffirma dikjarazzjoni (fit-2 ta' Frar 2013) li kien qed jirrinunzja ghad-dritt ghall-assistenza legali li dak iz-zmien kien limitat ghal siegha ghal qabel l-interrogatorju. Konsegwentament dina l-Qorti ser tikkunsidra l-valur probatorju li ghandha tinghata lill-istqarrija rrillaxata mill-imputat waqt l-investigazzjoni relatata mal-proceduri odjerni u dana anke fid-dawl tat-talba tal-imputat ghall-isfilz jew altrimenti tal-istess stqarrija.

Illi jirrizulta li dina l-istqarrija ttiehdet nhar it-3 ta' Frar 2013 skond il-ligi vigenti dak iz-zmien u dana wara li l-imputat ffirma id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali sabiex qabel ma ssir l-interogazzjoni jithalla jikkonsulta privatament ma avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon. Dak iz-zmien li ttiehdet l-istqarrija l-imputat kellu 18-il sena. Jirrizulta ukoll li dak iz-zmien il-qua imputat kellu fedina penali netta. Din l-istqarrija ttiehdet mill-ispettur Pierre Grech fil-prezenza ta' PS 923 Pierguido Saliba. Mill-istess atti processwali ma jirrizultawx ragunijiet impellenti li minhabba fihom l-imputat ma setghax ikun assistit permezz ta' avukat jew prokuratur legali waqt l-interogazzjoni. L-unika raguni l-ghaliex l-imputat ma kienx mghejjun minn avukat waqt l-interrogazzjoni jew minn tal-inqas offrut din l-opportunita' kienet l-ghaliex il-ligi vigenti dak iz-zmien ma kinitx tippermettieha. Dak iz-zmien li fiha ttiehdet l-istqarrija odjerna (2013) il-ligi kienet tippermetti biss li l-imputat ikun jista' jikkonsulta ma avukat qabel ma tittiehed l-istqarrija.

Illi din il-Qorti wara li qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **<u>Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[1], din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet in konnessjoni mal-imsemmija stqarrija:- fl-ewwel lok, fil-kaz odjern, hekk kif inghad iktar 'il fuq, meta l-qua imputat rrillaxxa l-istqarrija huwa kellu biss l-eta' tenera ta' 18-il sena. Il-fedina penali tieghu dak iz-zmien kienet wahda netta u ghaldaqstant indikattiva li din kienet l-ewwel darba li l-qua imputat kien gie arrestat u nterogat. Dina l-Qorti lanqas ma tista tinjora l-hin li fih ittiehdet l-istqarrija u cioe' fis-1.35am u cioe' ftit mumenti wara l-arrest tieghu. Fl-ahhar net dina l-Qorti tosserva ukoll li wara li analizzat l-atti processwali fl-assjem taghhom jirrizultalha li l-istqarrija kienet wahda inkriminanti tant li hija l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni fir-rigward tal-ewwel hames imputazzjonijiet migjuba kontra Calleja. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha migbura u l-interieta' tal-proceduri fil-konfront tal-imputat ma thossx li jkun *safe and satisfactory* li tistrieh fuq l-istqarrija rrillaxxata mill-qua imputat ai fini ta' reita' o meno tal-imputazzjonijiet addebitati lill-qua imputat. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tiskarta l-istess stqarrija fil-kunsiderazzjonijiet taghha. Stabbilit dan u galadarba hekk kif gia nghad, l-istqarrija kienet l-unika prova tal-prosekuzzjoni fil-konfront tal-ewwel hames

[1] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

imputazzjonijiet, fuq nuqqas ta' provi, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lil Luke Calleja mill-ewwel hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi fir-rigward tas-sitt imputazzjoni li tirrigwarda l-pussess semplice tar-raza cannabis fl-ammont ta' 0.4g, minkejja l-ammissjoni tal-imputat ghall-istess, din il-Qorti ser taghmel referenza ghall-emendi introdotti bis-sahha tal-artikolu 4A tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena* <u>*tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi*</u>*, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna,* <u>***ma għandux jikkostitwixxi reat***</u>*, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
>
> *(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
>
> *(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
>
> *(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
>
> *(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
>
> *(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
>
> *u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

*"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*

> *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

> *"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi***

***huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem***. *"* (emfazi ta' dina l-Qorti)

F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara procediment ezawriet fil-konfront tas-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Calleja.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qed issib lill-qua imputat Luke Calleja mhux hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur